**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 472/97

John Sammut
vs
Ministeru tal-Agrikoltura u d-Direttur Generali tal-Biedja u Sajd li gie kjamat fir-rikors b' digriet tat-18 ta' Jannar 1999

Illum 8 ta' Mejju 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod preciz ghall-habta tas-snin 1990 sal-1993 huwa sofra minn ingustizzja peress li ma nghatax promozzjoni fix-xoghol tieghu.

Illi l-fatti tal-kaz kienu s-segwenti:

1. Illi ir-rikorrent dahal jahdam mad-Dipartiment tal-Agrikoltura fl-ahhar tas-sena 1986 bhala *rubble wall builder*.

2. Illi minkejja li ir-rikorrent kien *rubble wall builder,* kien jaghmel xoghol tal-kantun ukoll billi fil-fatt kien ifassal il-hitan, jibni hitan fil-gonna u jirrestawra bini antik.

3. Illi xorta wahda ir-rikorrent baqa' jahdem ta' *rubble wall builder* .

4. Illi llum ir-rikorrent jaghmel xoghol ta' *wall builder*.

5. Illi ir-rikorrent applika ghall-post ta' *stone mason* fil-qasam tal-bini, fis-sena 1996 u ghadda mit-test fis-27 ta' Mejju 1996 (Dok A sa Dok D).

6. Illi minkejja li r-rikorrent gie kwalifikat ghal dan il-post, qatt ma nghatalu u din kienet ingustizzja kbira aktar u aktar meta wiehed iqis li kien ilu zmien twil jaghmel dan ix-xoghol.

7. Illi meta jinhargu applikazzjonijiet simili, il-prattika hi li l-promozzjonijiet jinghataw mill-ewwel lin-nies kwalifikati kif fil-fatt ghamlu f'diversi kazi.

Illi huwa kien bi hsiebu biex igib sabiex isostni l-ilment tieghu, lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribuna li jisma' u jiddeciedi dan l-ilment u dan skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji billi jinghata rimedju f'li jigi moghti l-promozzjoni ghal *stone mason* jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jinghata kumpens ta' mhux aktar minn Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur tas-Servizzi Korporattivi li ssottometta:

Illi preliminarjament ir-rikors promotur huwa irritwali u inammissibbli stante illi ai termini tal-Art. 181 (B) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji l-Gvern ghandu jkun rapprezentat mill-kap tad-dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni mentri r-rikors isemmi biss bhala intimat il-Ministeru tal-Biedja u Sajd. Illi din ir-risposta qed issir mir-rikorrent ghaliex gie notifikat bl-istess rikors mill-Ministeru tal-Biedja u Sajd.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost dan ir-rikors ma ghandu l-ebda effett kontra l-intimat stante illi l-Avukat

Generali ma giex notifikat bl-istess rikors u dan ai termini tal-Artikolu 181B (3) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju dwar il-fatti allegati fir-rikors ir-rikorrent ghandu dan li gej xi jghid:

Illi bejn l-1986 u l-1991 ir-rikorrent kien impjegat bhala *rubble wall mason* abbazi ta' kuntratt (Dok A1).

Illi fid-29 ta' Jannar 1991 ir-rikorrent gie mahtur bhala wall builder (Dok B).

Illi ghalkemm ir-rikorrent ghadda mit-*Trade Test* ghall-*Building Tradesman (mason)* dan ma jintitolahx illi jigi mahtur awtomatikament bhala *mason.*

Illi in kwantu r-rikorrent qed jitlob li jigi ordnat li jinghata promozzjoni ghall-*stone mason* din it-talba ghandha tigi kkunsidrata ai termini tal-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta liema artikolu jirregola hatriet li jsiru mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Ghaldaqstant l-intimat issottometta illi ma hemm xejn allegat fir-rikors li jista jiggustifika r-rimedju mitlub.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-lista tad-dokumenti tal-intimat.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors u li meta dahal xogholu kien jikkonsisti f'li jibni hitan tas-sejjiegh. Izda ma damx wisq li bdew iqabbduh jaghmel xoghol li suppost ma jaghmilx u cioe` li jibni hitan tal-kartun u anke jirrangaw il-gonna. Kien sahansitra jaghmel ukoll xoghol ta' "*mason"*. Zied li kien hadem fil-farm ta' l-Ghammieri fejn ghamel restawr tal-hnejjiet u pilastri li jinstabu hemmhekk.

Imbaghad fid-29 ta' Jannar 1991 inghata xoghol ta' wall builder. Kien applika ghall-post ta' *'stonemason'* fis-sena 1996 u ghadda mit-test fis-27 ta' Mejju 1996. Wara sar jaf illi dan it-test kien biss biex jakkwista certifikat ta' dan it-trade. Kien applika peress li kien ilu jahdem bhala mason. Sostna li ma hax dan il-grad ta' stonemason minkejja l-esperjenza tieghu.

Zied li fis-sena 1994 kien hemm Alexander Axisa u William Caruana li kienu jahdmu mieghu. Huma kienu 'masons' u kienu dahhluhom fis-sezzjoni tieghu filwaqt li hu baqa' jahdem bhala wall builder.

In kontro-ezami semma li l-kariga tieghu llum hija ta' wall builder fid-Dipartiment tal-Agrikoltura. Mistoqsi jekk kienx hemm sejha ghall-applikazzjoni ghall-stone mason fl-1996 qal li ma jafx. Semma li xoghol ta' mason huwa li jibni l-bini u xoghol ta' wall builder huwa li jibni il-hitan. Ovvjament hemm differenza fil-paga u il-paga ta' mason hija aktar gholja.

<u>Peter Borg</u> li jahdem fid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura, fis-sezzjoni mar-rikorrent xehed li dejjem hadmu flimkien u jikklasifika xoghlu bhala wall builder bhar-rikorrent.

<u>Carmel Aquilina</u> rapprezentant tad-Dipartiment tal-Agrikoltura xehed li r-rikorrent beda jahdem mad-Dipartiment bhala rubble wall builder fid-29 ta' Settembru 1986 u huwa gie ngaggat b'kuntratt li kien jiggeddidlu kull sena. Fid-29 ta' Jannar 1991 huwa lehaq wall builder tal-post. Fid-29 ta' Jannar 1996 ir-rikorrent lehaq operative wall builder izda din kienet minhabba r-riforma. Semma li bejn l-1987 u l-1995 ma kienx hemm sejhiet ghall-applikazzjonijiet ghal masons u ghalhekk ir-rikorrent ma setax japplika.

**KONKLUZZJONIJIET**

L-eccezzjoni preliminari tal-Ministeru tal-Agrikoltura kienet li r-rikors promotur huwa irritwali u inammissibbli stante illi ai termini tal-Art. 181 (B) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji l-Gvern ghandu jkun rapprezentat mill-kap tad-dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni mentri r-rikors isemmi biss bhala intimat il-Ministeru tal-Biedja u Sajd.

Ikkunsidra li l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li:

"Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni." Imkien ma jinghad li r-rapprezentanza hija vestita f' idejn il-Ministru jew Ministeru u hija eccezzjonalment biss li tali rapprezentanza hi vestita fil-Ministru koncernat (bhal fil-kaz tal-kawzi istitwiti kontra l-P.A.P.B.) jew kawzi li minn natura taghhom wiehed irid jistitwihom kontra l-Prim Ministru jew kontra l-Avukat Generali. Fil-kaz in ezami r-rikorrent ma ta ebda raguni ghaliex il-Ministeru tal-Agrikoltura gie mharrek. Ghalhekk il-Ministeru tal-Agrikoltura mhux il-legittimu kontradittur. [Ara wkoll Rikors 196/97 deciz fid-9 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici; Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta' Socjali 9/3/99, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99].

Dan huwa sufficjenti biex il-kawza tieqaf hawn fil-konfront tal-Ministeru tal-Agrikoltura.

Sekondarjament gie eccepit li r-rikors ma giex notifikat lill-Avukat Generali a tenur tal-Artikolu 181B (3) tal-Kapitolu 12. Izda in segwitu saret in-notifika tal-Avukat Generali fis-17 ta' Marzu, 1999 kif jidher a fol 1 tergo tal-process. Ghalhekk din l-eccezzjoni hi sorvolata.

Wiehed irid issa jezamina l-eccezzjoni fuq il-meritu. Jinghad li l-ewwel nett ma harget ebda applikazzjoni ghal grad ta' stone mason bejn l-1987 u 1995 u ghalhekk certament l-eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza Direttur tal-Agrikoltura li hemm l-ostakolu tal-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni hija valida. Inoltre r-rikorrent ibbaza hafna mill-pretensjoni tieghu li f'Mejju 1996 inghata c-certifikat ta' mason. Izda hawn ukoll hemm il-problema ta' kompetenza tat-Tribunal ***ratione temporis.*** Fil-Kapitolu 394 fl-Artikolu 5(4) insibu li "Dan l-Att ma ghandu japplika ghal ebda att jew omissjoni li jkunu graw qabel id-9 ta' Mejju, 1987 jew wara l-15 ta' Mejju 1995."

Ghalhekk taht dan l-aspett it-Tribunal ghandu idejh marbutin. Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza.

Spejjez kontra r-rikorrent.